MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1254/1997/1

**A B C, f' isimha proprju u f' isem il-minuri D, E, F u G**
**vs**
**E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibli, u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b' digriet ta' 14 ta' Jannar, 1997 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Peress li dawn ir-ragunijiet huma eccessi, sevizzi u ingurji gravi kif ukoll abbandun, ta' min isemmi wkoll li llum zewgha jinsab gewwa l-habs Kordin fejn qed jiskonta sentenza ta' habs minhabba kultivazzjoni ta' cannabis;

Peress li minn dan iz-zwieg hemm erbat itfal u cioe' D ta' erbatax-il sena, E ta' tlettax-il sena, F ta' disa' snin u G ta' tmien snin;

Jghid il-konvenut ghala din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti tal-artiklu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri D, E, F u G kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas tal-istess.

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titolu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghal kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll dawk tal-mandat ta' inibizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi ghalkemm l-eccipjent jaqbel li l-Qorti ghandha tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti dina ghandha tinghata minhabba ragunijiet imputabbli ghall-istess attrici u mhux per konsegwenza tal-premessi ndikata minnha fic-citazzjoni liema premessi qatt ma jistghu jissussistu stante li l-konvenut kien qieghed jiskonta sentenza twila ta'

prigunerija u l-attrici telqghet il-barra mid-dar konjugali qabel ma l-eccipjent hareg mill-Habs;

2. Illi fil-fatt iz-zwieg in kwistjoni tkisser b' mod irrimedjabbli minhabba zewg ragunijiet principali cioe dak ta' abbandun u ta' adulterju da parti ta' l-istess attrici u ghalhekk l-attrici ghandha tigi penalizzata ai termini tal-Kodici Civili f' kaz li l-Qorti tigi sodisfatta anke fuq wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet;

3. It-tieni talba ghandha tigi respinta stante l-istat adulteru tal-attrici oltre ghall-fatt li filwaqt li hija tahdem u kapaci tahdem b' mod regolari, il-konvenut qieghed jirregistra ghax-xoghol peress li huwa dizokkupat;

4. Illi ghalkemm l-eccipjent jaqbel mat-tielet talba, l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni wkoll is-segwenti:
(a) Il-penalitajiet stipulati fil-ligi per konsegwenza tal-abbandun u/jew l-adulterju da parti ta' l-attrici;
(b) Id-dejn ta' l-istess komunjoni;
(c) Il-beni parafernali taz-zewg kontendenti fosthom il-fatt li d-dar li kienet tifforma d-dar konjugali qabel l-abbandun ta' l-attrici hija proprjeta' parafernali esklussiva tal-konvenut fejn spicca joqghod wahdu;
(d) L-attrici gia zarmat mid-dar l-effetti mobbli u l-ghamara kollha li kienu jarredaw l-istess dar konjugali, liema effetti gia jinsabu f' idejha nonostante li kienet giet ordnata ma tmiss xejn minnhom minn dina l-Onorabbli Qorti in forza ta' mandat ta' deskrizzjoni mahrug kontra taghha li jgib in-numru 1863/97SF;

5. Il-provvedimenti ndikati fir-raba talba ghandhom jigu ordnati kontra l-istess attrici in vista ta' l-abbandun u ta' adulterju da parti taghha;

6. Illi ma hemm ebda oggezzjoni ghal hames talba naturalment fejn jirrigwarda l-ulied minorenni prevja li jkun hemm ordni adekwata u effettiva ta' access lejn l-istess ulied favur il-konvenut u dana in vista tal-fatt li l-attrici qatt ma agixxiet in adempiment tad-digriet tas-Sekond Awla rigward id-dritt ta' access favur il-konvenut oltre li l-Qorti

ghandha tqis ukoll il-fatt li l-eccipjent huwa dizokkupat u jghix bl-assistenza socjali;

7. Is-sitt talba qed tigi kontestata stante li din ma tappartjenix lill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti oltre ghal ragunijiet ohra legittimi fosthom l-abbandun u l-adulterju ta' l-attrici;

8. B' riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri kontra l-attrici jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa qed tigi ngunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-AIC Mario Cassar minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli lill-istess konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel li hemm lok ghas-separazzjoni personali, jattribwixxi l-htija lill-attrici fit-termini ta' l-artikoli 38 u 41 tal-Kap.16

**Separazzjoni Personali**

Fl-ewwel l-lok hija opportuna l-osservazzjoni li l-provi migjuba miz-zewg nahat huma skarsi; u di piu' jikkuntrastaw fl-aspetti determinanti taghhom.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti.

Il-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Dicembru 1982 meta allura l-konvenut, ufficjalment bejjiegh tal-haxix, kellu 31 sena, filwaqt li l-attrici kellha 16-il sena[1]. Fiz-zmien li damu jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg l-attrici kienet tmur tghin lill-konvenut fix-xoghol tieghu; u sussegwentement fis-6 ta’ Lulju 1982 il-konvenut xtara appartament intiz sabiex iservi bhala d-dar konjugali.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom erbat-it tfal li llum huma maggjorenni, u jidher li sat-twelid ta’ l-ewwel wild il-kopja ma kellhomx problemi matrimonjali. L-attrici tghid li l-inkwiet beda wara t-twelid tat-tieni wild taghhom, meta l-konvenut beda jabbuza mill-alkohol, bir-rizultat li kwotidjanament l-attrici kienet tispicca vittma ta’ komportment abusiv da parti tal-konvenut, konsistenti f’ ghajjat u kliem hazin, u anke swat fil-konfront taghha u anke okkazjonalment fil-konfront ta’ l-istess uliedha li kienu jkunu prezenti. Tghid ukoll li l-konvenut kien qabad il-vizzju tal-loghob bir-rizultat li kien jitlef hafna flus.

Sussegwentement il-konvenut wehel il-habs ghal zmien twil, oltre multa sostanzjali, meta gie misjub hati ta’ kultivazzjoni tad-droga. Dan il-fatt ikkrea hardship kbir lill-attrici li allura kellha trabbi erbat-it tfal waheda, oltre li kienet kull gimgha tmur izzur lill-konvenut il-habs u taghtih xi haga zghira tal-flus. Hija kellha tohrog ukoll tahdem barra mid-dar sabiex tmantni lill-familja taghha, u sallum ghadha tahdem.

Jidher li wara xi snin, il-konvenut beda jissuspetta li l-attrici kienet infidila lejh, bir-rizultat li meta kienet tmur iz-zuru fil-habs il-konvenut kien jgharraha u jheddida li kien ser joqtolha kif johrog mill-habs. Hi tghid ukoll li kien jgerger “mat-tfal li jiena ‘qahba’. Konsegwenzjalment, wara circa sitt snin izzuru l-habs, l-attrici ma baqghetx tmur, u hekk kif wasal iz-zmien li johrog minn hemm hija telqet mid-dar konjugali, hadet xi effetti necessarji, u

[1] Fil-fatt hija ghalqet is-sittax il-sena fit-13 ta’ Gunju 1982

marret tghix flimkien ma’ l-erbat-it tfal taghha f’ post mikri minnha fil-Mosta.

Meta eventwalment il-konvenut hareg mill-habs fit-28 ta’ Marzu 1998 u mar fid-dar konjugali huwa sab li martu ma kienitx ghada tghix hemmhekk, u kienet hadet xi affarijiet.

Iz-zewg partijiet jattribwixxu lil xulxin ksur ta’ l-obbligu tal-fedelta’ u jsostnu li l-konjugi l-iehor kien u ghadu f’ relazzjoni adulterjuza ma’ persuni jdentifikati minnhom. It-tnejn cahdu dawn l-allegazzjonijiet li ma jinsabux sostnuti mill-provi.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi rigward l-allegazzjoni attrici dwar il-komportament abusiv da parti ta’ zewgha fil-konfront taghha u ta’ uliedha, il-Qorti, ghalkemm il-konvenut cahad dawn l-allegazzjonijiet, hija propensa li tghati affidament lill-versjoni ta l-attrici in kwantu hija korroborata minn uhud minn uliedhom. Il-Qorti taccetta l-versjoni attrici li matul il-konvivenza matrimonjali hija kienet soggetta ghal sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40, kif ukoll it-tghajjir fil-konfront ta’ martu bl-uzu tal-kelma ‘qahba’, u di piu’ anke fil-presenza tat-tfal, kien jikkostitwixxi ngurja gravi skond l-istess artikolu.

Illi, kif fuq premess l-allegazzjoni konvenuta ta’ adulterjur fil-konfront ta’ l-attrici ma treggix ghax mhux sostnuta mill-provi; kif lanqas treggi l-akkuza ta’ l-abbandun fit-termini ta’ l-artikolu 41, stante li mill-provi jidher li dina telqet mid-dar konjugali meta kien qed javvicina z-zmien li l-konvenut, li kien jheddidha li joqtolha malli johrog mill-habs, kien fil-fatt wasal biex johrog mill-habs.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali minn ma zewgha hija gustifikata fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-kap.16 u specifikament minhabba sevizzi u ingurja gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha.

**Manteniment**

Illi peress li llum il-gurnata l-attrici tahdem bi qligh it-talba taghha ghal manteniment ghaliha, rebus sic stantibus, ma tistax tintlaqa', izda l-Qorti tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minnghand zewgha l-konvenut, kemm il-darba hija tieqaf mix-xoghol, tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuqu.

Inoltre, stante li t-tfal tal-kontendenti llum m' ghadhomx minorenni, it-talba attrici ghal manteniment futur f' dan ir-rigward tinsab ezawrita.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi jigi ribadit li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi, u f' certu aspetti anke konfliggenti mad-dokumenti prezentati. Hekk bhala ezempju, ghalkemm fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid li l-post kien inbigh Lm7,000, u li l-konvenut minnhom hallas Lm4,000 mal-kuntratt; fil-fatt mill-kuntratt jirrizulta prezz inferjuri; u l-attrici ma tati ebda raguni ghal din id-diskrepanza.

Inoltre, ghalkemm fl-affidavit taghha l-attrici tghid li l-konvenut kien wehel, oltre piena ta' prigunerija, multa ta' Lm10,000 Maltin, ma ngabet ebda prova dwar jekk fil-fatt din is-somma kienitx thallset jew inkellha kienitx giet konvertita f' habs; u ghalhekk ma tistax tigi kkunsidrata fil-liwidazzjoni tal-komunjoni stante li l-pagament taghha ma gietx provat. Jigi osservat li fin-nota guramentata taghha l-attrici ma ghamlet ebda pretensjoni fir-rigward.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li qabel iz-zwieg huwa kien ta lill-attrici s-somma ta Lm3,000 biex tixtri l-affarijiet tad-dar; izda attrici tghid li din kienet tirrapprezenta l-introitu tal-hidma kongunta ta' bejniethom qabel iz-zwieg u ghalhekk kienet tappartjeni lit-tnejn.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-assi formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Mill-provi jirrizulta li l-assi jikkonsistu fi krediti ta' l-attrici vis a vis il-komunjoni ta' l-akkwisti ghall-ispejjez li ntefqu waqt iz-zwieg ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tad-dar, u

xogholijiet li saru fid-dar; kif ukoll ammont ta' manteniment legalment dovut mill-konvenut wara li dana hareg mill-habs, ghal uliedhom minuri li f' dak iz-zmien kienu ghadhom minorenni; effetti mobbli in parte ezistenti fid-dar matrimonjali u in parte fil-fond 11 St.Mary Street, Mosta fejn qed tirrisjedi fil-prezent l-attrici.

*Dar Matrimonjali*
Illi mill-provi dokumentali jirrizulta li, qabel iz-zwieg, permezz ta' kuntratt[2] ippubblikat minn Nutar Dottor Joseph Spiteri fis-6 ta' Lulju 1982, il-konvenut kien xtara l-appartament numru 5 fi blokk bl-isem 'Imnajdra Flats' fir-Rabat versu l-prezz ta' Lm4,500, li Lm2,000 minnhom thallsu fuq il-kuntratt, filwaqt li r-rimanenti Lm2,500 kellhom jithallsu ulterjorment bil-hlas ta' imghax wara certu data.

Illi wara z-zwieg, il-konvenut permezz ta' kuntratt ippubblikat mill-istess nutar fl-24 ta' Lulju 1985, issellef minghand il-Lohombus Corporation is-somma ta' Lm3,200 espressament indikat sabiex ihallas il-bilanc [inkluzi l-imghax] dovut lill-vendituri tal-imsemmi post.

Illi eventwalment din il-loan thallset fil-kors taz-zwieg. L-attrici tghid li parti sostnazjali thallset minnha, peress li f' dak iz-zmien il-konvenut kien qieghed il-habs, izda eventwalment ma felhitx tkompli thallas, u ghalhekk saru xi pagamenti mill-attur tramite prokuratur tieghu.  Il-fatt rilevanti hu li dan id-dejn tal-komunjoni thallas waqt iz-zwieg principalment bil-flus tal-komunjoni.

Illi kif jirrizulta mill-provi meta l-konvenut xtara l-imsemmi post, dan kien gebel u saqaf, u matul iz-zwieg saru xogholijiet fih li gew stmati mill-perit gudizzjarju fl-ammont ta' Lm3,930.  Dawn ix-xogholijiet saru mill-akkwisti tal-komunjoni.

Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li l-fond fuq imsemmi huwa parafernali tal-konvenut;  izda l-attrici ghandha zewg krediti f' dan ir-rigward: kreditu ta' nofs is-somma ta'

[2] Fol.62

Lm3,200 rapprezentanti il-bilanc ta' prezz u imghax imhallsa waqt iz-zwieg, fuq l-imsemmi post;  u kreditu ta' nofs is-somma ta' Lm3,930 rapprezentanti xogholijiet li saru fl-istess post waqt iz-zwieg.  Ghalhekk nofs dawn l-ammonti jikkostitwixxu krediti ta' l-attrici versu l-komunjoni – b' kollox tlett elef, hames mija hamsa u sittin lira maltin [Lm3,565].

*Effetti mobbli*
Illi rizultat ta' mandat ta' deskrizzjoni [numru 1863/97][3] mahrug fid-9 ta' April 1997 kien sar elenku tal-effetti mobbli ezistenti f' dak iz-zmien fid-dar konjugali.

Illi l-attrici tammetti li meta hija kienet telqet mill-imsemmi fond hija kienet hadet maghha xi ghamara u cioe' kamra tas-sodda tat-tfal u sufan, sabiex tkun tista' takkomoda t-tfal li baqghu jghixu maghha.  Minn naha tieghu l-konvenut jghid li meta dahal il-post wara li hareg mill-habs, hwua sabu kompletament vojt, izda ma gab ebda prova in sostenn ta' dak li qed jigi allegat minnu.

Il-Qorti tosserva li mill-process ma jirrizultawx il-valuri ta' l-effetti mobbli elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' ftehim da parti tal-partijiet dwar il-valur u l-qsim ta dawn il-mobbli, fi zmien tlett xhur millum, il-Qorti tinnomina minn issa lil Peter Bonello, perit stimatur, sabiex, a spejjez taz-zewg partijiet jghamel stima ta' l-imsemmija mobbli u jaghmel pjan ta qasma f' zewg porzjonijiet u jassenja porzjon lil kull parti. L-istess espert huwa awtorizzat ghal dan il-ghan li jaccedi fl-imsemmi fond, kif ukoll fil-post 11 St.Mary Street, Mosta r-residenza prezenti ta' l-attrici, anke jekk occorrendo bl-intervent tal-Marixxall u/jew tal-Pulizija Ezekuttiva.

*Manteniment Arretrat*
Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut hareg mill-habs fis-sena 1998 u precisament, skond l-attrici, fit-28 ta' Marzu 1998 meta allura t-tfall kienu ghadhom minorenni fl-etajiet rispettivi ta' 14, 13, 9 u 8 snin.

[3] Fol.94

Jirrizulta nkontestat li mill-imsemmija data l-konvenut ma kkontribwixxa xejn ghall-manteniment tal-erbat- it tfal minuri, u ma ngabet ebda prova li fil-perijodu sakemm it-tfal kienu maggjorenni huwa ma kienx jahdem bi qligh. Di fatti la mill-affidavit tieghu u lanqas mid-deposizzjoni tieghu ma semma dan il-fatt, kif allura lanqas gab il-prova, bhal per ezempju, registrazzjoni mal-ETC, li huwa ma kienx jahdem, jew ma kellux introitu, bhal per ezempju xi dokument mahrug mid-dipartiment tas-sigurta’ socjali. Anzi mill-kontenut tal-paragrafu [4][4] ta’ l-affidavit tieghu jidher li l-konvenut ghandu mezzi jew introitu adegwati biex kien bi hsiebu jakkwista hanut ghal ibnu kif asserit minnu.

Ghaldaqstant, gialadarba l-konvenut ma gabx prova li tul it-tmien snin sakemm it-tfal kollha saru maggjorenni huwa ma’ kellux introitu adegwat, u anzi, il-provi juri li huwa kellu mezzi adegwati, huwa kien fid-dover legali li jghati l-kontribut tieghu ghal manteniment taghhom, u li l-Qorti qeda tiffissa arbitrio boni viri fis-somma ta’ elfejn lira maltin [Lm2,000], liema somma ghandha tikkostitwixxi kreditu ulterjuri ta’ l-attrici fil-konfront tal-komunjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed jigi stabbilit li l-fond fuq indikat, nurmu 5 Imnajdra Flats, Rabat, huwa proprjeta’ parafernali tar-ragel, tordna li dan il-fond ma jibqax jitqies aktar bhala d-dar konjugali tal-partijiet; u inoltre, tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, is-somma ta’ hamest elef, hames mija, hamsa u sittin lira maltin [LM5,565], rapprezentanti tlett elef, hames mija hamsa u sittin lira maltin [Lm3,565] kreditu fuq indikat, u elfejn lira maltin [Lm2,000] manteniment arretrat ghal uliedhom legalment dovut mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

[4] Fol.81

[2] tichad it-talba stante li l-attrici tahdem bi qligh u ghandha introitu sufficjenti ghaliha; izda tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment ghaliha mill-konvenut kemm-il darba hi tkun kostretta tieqaf tahdem;

[3] tilqa' it-tielet talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-assenjazzjoni, kif fuq spjegat u ordnat fis-sezzjoni intestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[4] tilqa' ir-raba talba fis-sens li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni in parte tal-hames talba stante li t-tfal illum huma maggjorenni, izda dan minghajr pregudizzju ghad-dritt ta' l-attrici ghas-somma fuq indikata rapprezentanti arretrat ta' manteniment legalment dovut mill-konvenut kif fuq spjegat u ordnat fis-sezzjoni that l-intestatura "Manteniment Arretrat";

[6] tichad it-sitt talba;

L-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------